



Kunsill Ewropew

Brussell, 18 ta' April 2024  
(OR. en)

EUCO 12/24

CO EUR 10  
CONCL 3

#### NOTA

---

|          |                                                                                        |
|----------|----------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                       |
| lil:     | Delegazzjonijiet                                                                       |
| Suġġett: | Laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew (17 u 18 ta' April 2024)<br>– Konklużjonijiet |

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

*Fil-kuntest tal-elezzjonijiet Ewropej li ġejjin, il-Kunsill Ewropew jissottolinja d-determinazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jimmonitorjaw mill-qrib u jraġżnu kwalunkwe riskju li jirriżulta mid-diżinformazzjoni, inkluż permezz tal-intelliġenza artifiċjali, kif ukoll manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin fil-proċessi elettorali. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-awtoritajiet nazzjonali jikkooperaw fuq dawn il-kwistjonijiet.*

\*

\* \*

## **I. L-UKRAJNA**

1. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu 2024, il-Kunsill Ewropew itenni l-appoġġ sod sħiħ tiegħu għall-Ukrajna, il-poplu tagħha u l-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali tagħha fil-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha.
2. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-attakki kontinwi tar-Russja bl-ajru u bil-missili kontra l-popolazzjoni ċivili u l-infrastruttura ċivili u kritika tal-Ukrajna, inkluż l-immirar intensifikat reċenti tas-settur tal-enerġija. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ser jintensifikaw l-għoti ta' assistenza umanitarja u tal-protezzjoni ċivili, inkluż tagħmir bħal ġeneraturi tal-enerġija u transformers tal-elettriku.
3. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtieġa li tiġi pprovduta b'mod urġenti difiża tal-ajru lill-Ukrajna u li jitħaffef u jiġi intensifikat it-twassil tal-assistenza militari kollha meħtieġa, inkluż il-munizzjon tal-artillerija u l-missili. Huwa jappella lill-Kunsill, b'mod partikolari fil-laqgħa tiegħu li jmiss, u lill-Istati Membri biex jiżguraw is-segwitu meħtieġ. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress li sar fil-proposti biex id-dħul imprevisit li jirriżulta mill-assi immobilizzati tar-Russja jiġi dirett għall-benefiċċju tal-Ukrajna u jappella għall-adozzjoni rapida tagħhom.

L-appoġġ militari ser jingħata b'rispett sħiħ tal-politika ta' sigurtà u difiża ta' ċerti Stati Membri u filwaqt li jitqiesu l-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha.

## **II. IL-LVANT NOFSANI**

4. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa u b'mod inekwivoku l-attakk Iranjan fuq Iżrael u jtenni s-solidarjetà sħiħa tiegħu mal-poplu ta' Iżrael u l-impenn tiegħu għas-sigurtà ta' Iżrael u għall-istabbiltà tar-reġjun. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Iran u lill-forzi bi prokura tiegħu biex iwaqqfu l-attakki kollha u jhegġegħ lill-partijiet kollha jeżerċitaw l-akbar trażżin u joqogħdu lura minn kwalunkwe azzjoni li tista' żżid it-tensjonijiet fir-reġjun. L-Unjoni Ewropea ser tieħu aktar miżuri restrittivi kontra l-Iran, b'mod partikolari fir-rigward tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs) u l-missili. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata bis-sħiħ li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-tensjoni u għas-sigurtà fir-reġjun.
5. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu 2024 fl-elementi kollha tagħhom, u jtenni l-impenn tiegħu li jaħdem mas-sħab biex il-kriżi f'Gaza tintemm mingħajr dewmien u tiġi implimentata r-Risoluzzjoni 2728 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż billi jintlaħaq waqfien mill-ġlied immedjat u billi l-ostaġġi kollha jinħelsu mingħajr kundizzjonijiet, kif ukoll billi jingħata aċċess sħiħ, rapidu, sikur u mingħajr xkiel għal għajnuna umanitarja fuq skala kbira lill-Palestinjani fil-bżonn. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata bis-sħiħ għal paċi dejjiema u sostenibbli bbażata fuq is-soluzzjoni ta' żewġ stati.

6. L-Unjoni Ewropea hija lesta taħdem mas-sħab kollha biex tiġi evitata eskalazzjoni ulterjuri tat-tensjonijiet fir-reġjun, b'mod partikolari fil-Libanu. Hija tfakkar fl-appoġġ qawwi tagħha għal-Libanu u l-poplu Libaniż u tirrikonoxxi ċ-ċirkostanzi diffiċli li l-Libanu qed jesperjenza domestikament u bħala riżultat ta' tensjonijiet reġjonali. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-partijiet kollha biex jimpenjaw ruħhom għall-implimentazzjoni tar-Risoluzzjoni 1701 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. F'dan il-kuntest, l-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata għall-istabbiltà tal-Libanu, inkluż billi tappoġġa r-riformi li tant huma meħtieġa, u għat-tisħiħ tal-appoġġ tagħha għall-Forzi Armati Libaniżi.
7. Il-Kunsill Ewropew jikkonferma d-determinazzjoni tal-UE li tappoġġa l-aktar persuni vulnerabbli fil-Libanu, inkluż ir-refuġjati, il-persuni spostati f'pajjiżhom u l-komunitajiet ospitanti fil-bżonn, kif ukoll li tipprovdi appoġġ għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li jinkisbu kundizzjonijiet għal ritorni sikuri, volontarji u dinjitużi tar-refuġjati Sirjani, kif definit mill-UNHCR.
8. Fid-dawl tat-tmien Konferenza ta' Brussell dwar is-Sirja, il-Kunsill Ewropew jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni jirrieżaminaw u jsaħħu l-effettività tal-assistenza tal-UE lir-refuġjati Sirjani u lill-persuni spostati fis-Sirja u fir-reġjun. Huwa jappella lid-donaturi kollha biex iżommu jew iżidu l-livell ta' assistenza tagħhom lir-refuġjati Sirjani u lill-persuni spostati fir-reġjun.

### **III. IT-TURKIJA**

9. Il-Kunsill Ewropew kellu dibattitu strateġiku dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija, filwaqt li ħa nota tal-Komunikazzjoni Konġunta tar-Rappreżentant Għoli u tal-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni attwali tar-relazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u kummerċjali bejn l-UE u t-Turkija. L-Unjoni Ewropea għandha interess strateġiku f'ambjent stabbli u sigur fil-Lvant tal-Mediterran u fl-iżvilupp ta' relazzjoni ta' kooperazzjoni u ta' benefiċċju reċiproku mat-Turkija. Il-Kunsill Ewropew jinkariga lill-Coreper, filwaqt li jirrispetta l-kompetenzi tal-istituzzjonijiet rilevanti, biex javvanza fil-ħidma fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Komunikazzjoni Konġunta f'konformità mal-konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill Ewropew u b'mod gradwali, proporzjonat u riversibbli, soġġett għal gwida addizzjonali mill-Kunsill Ewropew. L-impenn kostruttiv tat-Turkija stess ser ikun strumentali fl-avvanz fid-diversi oqsma ta' kooperazzjoni identifikati fil-Komunikazzjoni Konġunta.
10. F'dan ir-rigward, l-Unjoni Ewropea tagħti importanza partikolari lill-issoktar tat-taħditiet ta' riżoluzzjoni rigward Ċipru u l-progress fihom, fit-tisħiħ ulterjuri tal-kooperazzjoni bejn l-UE u t-Turkija. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, il-Kunsill Ewropew jibqa' impenjat bis-sħiħ għal soluzzjoni komprensiva tal-problema ta' Ċipru, fil-qafas tan-NU, f'konformità mar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-KSNU u f'konformità mal-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-Unjoni u mal-acquis. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ħatra ta' María Angela Holguín Cuéllar bħala l-Mibgħut Personali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għal Ċipru. L-Unjoni Ewropea hija lesta taqdi rwol attiv fl-appoġġ tal-istadji kollha tal-proċess immexxi min-NU, bil-mezzi kollha adatti għad-dispożizzjoni tagħha.

#### **IV. PATT ĠDID DWAR IL-KOMPETITTIVITÀ EWROPEA**

11. Fid-dawl ta' realtà ġeopolitika ġdida u sfidi dejjem aktar kumplessi, l-Unjoni Ewropea hija impenjata li taġixxi b'mod deċiżiv biex tiżgura l-kompetittività fit-tul, il-prosperità u t-tmexxija tagħha fix-xena globali u biex issaħħaħ is-sovranità strateġika tagħha.
12. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu 2023 u Ġunju 2023, il-Kunsill Ewropew ser jiżgura approċċ integrat fl-oqsma ta' politika kollha biex jiżdiedu l-produttività u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Ewropa kollha, tinbena ekonomija robusta, innovattiva u reżiljenti u jsir progress fil-mudell soċjali u ekonomiku uniku tal-Ewropa li ser jagħti spinta lit-tranżizzjoni kompetittiva tal-Unjoni lejn is-sovranità diġitali b'mod awtodeterminat u miftuħ u lejn in-newtralità klimatika. Il-patt ekoloġiku għandu l-għan li jibqa' kompetittiv globalment u li jżid l-indipendenza enerġetika. Dan ser iżid l-introjtu reali u l-kapaċità tal-akkwist, u b'hekk jittejjbu l-istandards tal-ġhajxien għaċ-ċittadini kollha tal-UE.
13. Matul dawn l-aħħar 30 sena, is-Suq Uniku u l-erba' libertajiet tiegħu kienu mutur b'saħħtu ta' konverġenza u tkabbir fl-Unjoni Ewropea u fl-Istati Membri tagħha, billi ppromwovew ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bbażati, fost oħrajn, fuq qafas effettiv għall-ġhajjnuna mill-Istat u għall-kompetizzjoni. Fid-dawl tat-tensjonijiet ġeopolitiċi u l-miżuri politiċi aktar assertivi meħuda minn sħab u kompetituri internazzjonali, b'mod partikolari dwar is-sussidji, kif ukoll tal-produttività fit-tul u tax-xejriet teknoloġiċi u demografiċi, l-Ewropa teħtieġ bidla fil-politika, li tibni fuq il-kapaċitajiet kompetittivi tagħha.
14. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-preżentazzjoni minn Enrico Letta tar-Rapport ta' Livell Għoli tiegħu "Much More Than A Market", u jistieden lill-Presidenza attwali u dik li ġejja tal-Kunsill biex imexxu 'l quddiem il-ħidma fuq ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fih sal-aħħar tas-sena. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess il-preżentazzjoni tar-rapport li jmiss dwar il-kompetittività tal-Ewropa. L-Aġenda Strateġika l-ġdida ser tipprovdi aktar gwida u sservi ta' qafas għall-ħidma li trid issir.

## **Lejn patt ġdid dwar il-kompetittività Ewropea**

15. Huwa meħtieġ patt ġdid dwar il-kompetittività Ewropea, ankrat f'Suq Uniku integrat b'mod sħiħ. Dan ser jirrikjedi sforzi kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak tal-Istati Membri u fl-oqsma kollha ta' politika biex jingħalqu d-diskrepanzi fit-tkabbir, il-produttività u l-innovazzjoni bejn l-Unjoni u s-sħab internazzjonali tagħha u l-kompetituri ewlenin. Għal dak il-għan, l-azzjoni politika trid titqiegħed aħjar għas-servizz tat-tisħiħ tal-bażi ekonomika, tal-manifattura, industrijali u teknoloġika tal-Ewropa, biex b'hekk jiġu żgurati r-reżiljenza ekonomika u t-tiġdid industrijali, il-kompetittività globali, it-tmexxija teknoloġika, u l-attrazzjoni tal-Unjoni bħala post ta' attività ekonomika. Il-kisba ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, kemm globalment kif ukoll fi ħdan is-Suq Uniku, hija essenzjali f'dak il-kuntest.
16. Il-ħolqien tal-kundizzjonijiet li jippermettu lill-operaturi Ewropej jaħtfu l-opportunitajiet ta' ekonomija newtrali għall-klima, diġitali u ċirkolari, bl-użu tal-approċċ bilanċjat u komprensiv stabbilit fi Granada, ser jgħin lill-Unjoni tipprovdi soluzzjonijiet sostenibbli li jaħdmu għal kulħadd. Għal dan l-għan, għandhom jiġu ingranati l-għodod rilevanti kollha, inkluż l-akkwist pubbliku. Il-politika ta' koeżjoni għandha rwol ewleni fit-tnaqqis tad-disparitajiet u fl-istimular tat-tkabbir sostenibbli fit-tul. Il-konnettività transfruntiera u l-infrastruttura ta' kwalità għolja huma kruċjali wkoll. L-Ewropa għandha wkoll tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi tagħha f'setturi sensittivi identifikati f'Versailles – l-enerġija, il-materja prima kritika, is-semikondutturi, is-saħħa, is-settur diġitali, l-ikel u t-teknoloġiji kritiċi – u f'setturi oħra bħas-sustanzi kimiċi, il-bijoteknoloġija u l-ispazju.
17. L-investimenti f'setturi u infrastrutturi strateġiċi ewlenin jeħtieġu taħlita ta' finanzjament kemm pubbliku kif ukoll privat li jaħdmu flimkien. Il-baġit tal-UE u l-grupp tal-BEI għad għandhom rwol importanti. L-approfondiment tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali huwa essenzjali biex jiġi sfruttat il-kapital privat. Ser jipprovdi lill-kumpaniji Ewropej aċċess għal finanzjament aktar diversifikat b'kostijiet aktar baxxi, jgħin biex jiġi dirett it-tfaddil domestiku u jimmobilizza l-ammont sostanzjali ta' investiment privat meħtieġ biex jiġu indirizzati l-isfidi, b'mod partikolari t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u l-ħtiġijiet tal-industrija tad-difiża Ewropea. L-aċċess għall-kapital, inkluż il-kapital ta' riskju u ta' tkabbir, għandu jiġi ffaċilitat u ssimplifikat ukoll, speċjalment għall-SMEs u n-negozji ġodda.

18. Biex jiġi implimentat il-patt ġdid dwar il-kompetittività Ewropea, il-Kunsill Ewropew jappella biex il-ħidma titmexxa 'l quddiem b'mod deċiżiv u rapidu fir-rigward tal-ixpruni ewlenin tal-kompetittività li ġejjin:

***Suq Uniku***

- a) l-approfondiment tas-Suq Uniku billi jitneħħew l-ostakli li fadal, f'konformità mar-Rapport tal-2020 dwar l-Ostakli, il-Komunikazzjoni "It-30 Sena mis-Suq Uniku", u r-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività, u billi jiġu implimentati u infurzati bis-sħiħ ir-regoli dwar il-moviment liberu. Fid-dawl tas-servitizzazzjoni u t-tranżizzjoni doppja, l-enfasi għandha tkun fuq il-forniment transfruntier ta' servizzi, b'mod partikolari dawk orizzontali u ekonomikament sinifikanti, kif ukoll il-moviment transfruntier ta' oġġetti, inkluż oġġetti essenzjali bħall-mediċini, abbażi tal-ħtiġijiet tan-negozji, tal-istituzzjonijiet pubbliċi u taċ-ċittadini, filwaqt li tiġi indirizzata t-trasparenza fil-ktajjen tal-provvista;
- b) it-titjib tal-links tat-trasport u l-mobbiltà fl-Unjoni billi jiġu indirizzati l-konnessjonijiet neqsin jew il-konġestjonijiet u jiġi aġġornat il-qafas;
- c) l-indirizzar ta' prattiki kummerċjali żleali, bħall-kwalità dupliċi tal-prodotti tal-ikel, li jimminaw il-fiduċja tal-konsumaturi tal-UE fis-Suq Uniku;
- d) l-iżvilupp ta' strateġija orizzontali ġdida għal Suq Uniku modernizzat sa Ġunju 2025. Għandha ssir enfasi speċjali fuq l-indirizzar tal-isfidi li jaffettwaw il-kompetittività tan-negozji ta' kull daqs, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-SMEs u lin-negozji ġodda;



***Unjoni tas-Swieq Kapitali***

- e) l-avvanz fil-ħidma fil-Kunsill u l-Kummissjoni mingħajr dewmien fuq il-miżuri identifikati kollha li huma meħtieġa biex jinħolqu swieq kapitali Ewropej verament integrati li jkunu aċċessibbli għaċ-ċittadini u n-negozji kollha madwar l-Unjoni, għall-benefiċċju tal-Istati Membri kollha, speċjalment fuq:
  - i) l-armonizzazzjoni tal-aspetti rilevanti tal-oqfsa nazzjonali tal-insolvenza korporattiva;
  - ii) it-trawwim tal-investimenti, inkluż fl-ekwiżità transfruntiera, permezz ta' konverġenza mmirata ta' sistemi korporattivi mfassla tajjeb għall-atturi u l-mekkaniżmi tas-swieq kapitali;
  - iii) it-tnedija mill-ġdid tas-suq Ewropew tat-titolizzazzjoni, inkluż permezz ta' bidliet regolatorji u prudenzjali, bl-użu tal-ispazju disponibbli għall-immanuvrar;
  - iv) it-titjib tal-konverġenza u l-effiċjenza tas-superviżjoni tas-swieq kapitali madwar l-UE kollha. Huwa jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta u taħdem fuq il-kundizzjonijiet li jippermettu lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jissorveljaw b'mod effettiv l-atturi transfruntieri l-aktar sistemiċi rilevanti tas-suq kapitali u finanzjarju, bl-għan li tissaħħaħ l-integrazzjoni finanzjarja u tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja, jiġu ssimplifikati l-proċessi u jitnaqqsu l-kostijiet tal-konformità, b'kont meħud tal-interessi tal-Istati Membri kollha;
  - v) it-titjib tal-kundizzjonijiet għall-investiment istituzzjonali, bl-imnut u transfruntier fl-ekwiżità u għall-opzjonijiet ta' finanzjament u ta' ħruġ għan-negozji Ewropej li qed jespandu;
  - vi) l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-aċċess għall-kapital privat għall-Istati Membri kollha;

- vii) it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' prodott ta' investiment/taffidil transfruntier simpliċi u effettiv għall-investituri bl-imnut; l-iżvilupp ta' pensjonijiet u ta' prodotti ta' taffidil fit-tul;
- viii) il-ħolqien ta' ambjent ta' investiment attraenti u favorevoli għall-konsumatur u l-promozzjoni ta' kultura tal-investituri fost iċ-ċittadini tal-UE, inkluż billi jissaħħaħ il-litteriżmu finanzjarju taċ-ċittadini u jiġu promossi inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni;
- ix) ir-rieżami u s-simplifikazzjoni tal-qafas ta' regolamentazzjoni tas-suq finanzjarju biex titnaqqas il-burokrazija;

### ***Industrija***

- f) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika industrijali effettiva, fi djalogu mal-partijiet ikkonċernati, li tiddekarbonizza l-industrija tagħna b'mod kompetittiv, tiżviluppa l-vantaġġ kompetittiv tal-Unjoni fit-teknoloġiji diġitali u nodfa, tiddiversifika u tiżgura ktajjen tal-provvista strateġiċi, u ssaħħaħ il-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża tal-Ewropa;

### ***Riċerka u Innovazzjoni***

- g) it-trawwim ta' ambjent aktar favorevoli għall-innovazzjoni bbażat fuq xjenza eċċellenti, li jaċċellera l-adozzjoni mis-suq u l-espansjoni industrijali u kummerċjali tal-innovazzjoni, filwaqt li jżid l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp biex tintlaħaq il-mira tan-nefqa ta' 3 % tal-PDG;

### ***Enerġija***

- h) il-kisba ta' unjoni tal-enerġija ġenwina, billi tiġi żgurata l-provvista ta' enerġija abbondanti, affordabbli u nadifa, li taqdi l-oġettiv doppju li jiġu garantiti s-sovranià enerġetika u n-newtralità klimatika tal-Ewropa. Dan ser jirrikjedi elettrifikazzjoni ambizzjuża bl-użu tas-soluzzjonijiet kollha żero netti u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, flessibilità u użu sostanzjali u investiment fil-grilji, il-ħżin u l-interkonnnessjonijiet;

### ***Ekonomija ċirkolari***

- i) iż-żieda fiċ-ċirkolarità u l-effiċjenza fir-riżorsi, inkluż bl-isfruttament tal-potenzjal tal-bijoeconomija, biex b'hekk jitnaqqsu d-dipendenzi fuq ir-riżorsi primarji b'mod partikolari fuq il-materja prima kritika;

### ***Settur diġitali***

- j) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tan-negozji, il-gvern u s-soċjetà, li tirrikjedi Suq Uniku reali fis-servizzi diġitali u d-data, l-inkoraġġiment u l-faċilitazzjoni tal-investiment fl-infrastruttura diġitali bħall-5G u 6G, filwaqt li jiġu indirizzati l-ostakli possibbli għall-attivitajiet transfruntieri fis-settur tan-network mobbli u l-applikazzjoni ta' teknoloġiji diġitali trasformattivi bħall-IA, il-blockchain, il-computing kwantistiku u t-teknoloġija tar-realtà immersiva, u l-isfruttament sħiħ tal-potenzjal mhux sfruttat tad-data fl-Ewropa filwaqt li jiġu żgurati l-privatezza u s-sigurtà. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza wkoll il-ħtieġa li tissaħħaħ it-tmexxija tal-UE fl-affarijiet diġitali globali u jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex iħejju komunikazzjoni konġunta dwar is-suġġett;

### ***Qasam Soċjali***

- k) it-trawwim ta' impjiegi ta' kwalità għolja fl-Ewropa kollha, billi tizzied il-ħidma, permezz ta' djalogu soċjali msaħħaħ, fuq il-miri ewlenin għall-2030 dwar iż-żieda fil-parteciġazzjoni fis-suq tax-xogħol, it-tiġdid/it-titjib tal-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja, billi jiġu indirizzati d-diskrepanzi fil-ħiliet u fil forza tax-xogħol fil-kuntest ta' xejriet demografiċi usa', inkluż il-mobbiltà tat-talenti lejn l-Unjoni Ewropea u fiha, u jiġu żgurati opportunitajiet ugwali;

### ***Kummerċ***

- l) l-appoġġ għar-rwol ewlieni tad-WTO fis-sistema multilaterali bbażata fuq ir-regoli; it-twettiq ta' politika kummerċjali ambizzjuża, robusta, miftuħa u sostenibbli li tippermetti ftehimiet kummerċjali ġusti, tiftaħ is-swieq ta' pajjiżi terzi għall-kumpaniji tal-UE, tiddefendi l-interessi tal-UE, tippermetti l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista reżiljenti u affidabbli, tiggarantixxi kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni reali u toħloq opportunitajiet reċiproċi ta' aċċess għas-suq.

### **Qafas regolatorju aħjar u aktar intelliġenti**

19. Il-qafas regolatorju għandu jiżgura ċ-ċertezza u l-prevedibbiltà legali, u jkun integrat aħjar, koerenti fl-oqsma kollha ta' politika, miftuħ għal approċċi innovattivi u diġitali b'mod awtomatiku, filwaqt li jnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-kumpaniji. Filwaqt li tqis in-nisġa ekonomika tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tapplika l-prinċipju "Aħseb l-ewwel fiż-żgħir" meta tfassal leġiżlazzjoni ġdida.
20. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv u regolatorju fuq il-kumpaniji u l-awtoritajiet nazzjonali, tipprevjeni r-regolamentazzjoni żejda u tiżgura l-infurzar tar-regoli tal-UE, u jenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni f'waqtha u korretta tal-leġiżlazzjoni tal-UE mill-Istati Membri, filwaqt li tiġi evitata traspożizzjoni żejda.

21. L-armonizzazzjoni tal-oqfsa regolatorji, l-inkoraġġiment tar-rikonoxximent reċiproku, is-simplifikazzjoni tad-data tar-rapportar, u t-tkomplija tal-inizjattiva biex ir-rapportar jitnaqqas b'mill-inqas 25 %, ser jikkontribwixxu għal dak l-oġettiv. B'mod partikolari, l-iżgurar tas-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-permessi u l-liċenzji, l-eliminazzjoni ta' rapportar mhux meħtieġ, u l-prevenzjoni tal-introduzzjoni ta' obbligi li jikkoinċidu, ser ikunu importanti wkoll. Il-Kummissjoni għandha ttipprovdi valutazzjonijiet tal-impatt u kontrolli tal-kompetittività ta' kwalità għolja, f'waqthom u bir-reqqa, inkluż tal-effetti kumulattivi, għal proposti leġislattivi b'impatt sinifikanti.

### **Settur agrikolu kompetittiv, sostenibbli u reżiljenti**

22. Settur agrikolu kompetittiv, sostenibbli u reżiljenti huwa interess strateġiku ewlieni tal-Unjoni. Il-bdiewa jeħtieġu qafas stabbli u prevedibbli, biex fost l-oħrajn ma jitħallewx jindirizzaw l-isfidi ambjentali u klimatiċi waħedhom. F'konformità mal-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, il-Kunsill Ewropew jappella għal adozzjoni rapida tal-emenda għar-regolament tal-PAK u jħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex ikomplu l-ħidma speċjalment fuq:
- a) l-implimentazzjoni ta' miżuri fuq terminu qasir u medju biex jitnaqqas il-piż amministrattiv u tinkiseb is-simplifikazzjoni;
  - b) it-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel biex jiġi żgurat introjtu ekwu;
  - c) l-iżgurar ta' kompetizzjoni bbażata fuq ir-regoli u leali fil-livell dinji u fis-suq intern;
  - d) l-estensjoni proposta tal-qafas temporanju dwar l-ġhajjnuna mill-Istat u l-possibbiltà li jiżdied il-limitu massimu tal-ġhajjnuna de minimis għall-agrikoltura;
  - e) l-impożizzjoni ta' aktar tariffi fuq ċerti importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea ta' prodotti agrikoli Russi u Belarussi, filwaqt li jitqies l-impatt fuq is-Suq Uniku u jiġi żgurat li t-tranżitu ta' tali oġġetti lejn pajjiżi li qed jiżviluppaw jibqa' mhux affettwat.

**Rieżami tal-progress**

23. Il-Kunsill Ewropew ser jirrieżamina regolarment il-progress ta' inizjattivi biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni, tiġi ggarantita r-reżiljenza ekonomika tagħha u jinkiseb il-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku.
  24. Fil-laqgħa tiegħu ta' Ġunju 2024, il-Kunsill Ewropew ser jirrieżamina l-progress u jiddiskuti l-passi addizzjonali biex tiġi approfondita l-Unjoni tas-Swieq Kapitali.
  25. Il-Kunsill Ewropew ser iżomm taħt rieżami l-azzjonijiet favur settur agrikolu kompetittiv, sostenibbli u reżiljenti.
-